# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 126/2018**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Alan Debono**

Illum 27 ta' Marzu 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra l-appellat **Alan Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 035878(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli nhar il-25 ta' Marzu 2006 għall-ħabta tas-01.10am waqt li kien qed isuq vettura ALN 111 ta' l-għamla Alfa Romeo fit-Telgħa t'Alla u Ommu, limiti tan-Naxxar u f'inħawi oħra fil-Gżejjer Maltin:

[1] *A fol.* 1 u 8.

1. b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti ikkaġuna ġrieħi ta' natura gravi *per durata* fuq il-persuna ta' Mark Galea li għandu I.D. 148885(M) skond kif iċċertifika Dr J. Sciberras M.D. ;

2. saq b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluż u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a) (2) tal-Kapitolu 65 meta ħabat ma' vettura EAB 439 tal-marka Toyota u kkawża ħsara involontarja fuq l-istess vettura.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imsemmi Alan Debono milli jkollu jew jottjeni xi liċenzja tas-sewqan għall-perjodu li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar 2018 fejn il-Qorti sabet lill-imputat mhux ħati tar-reati elenkati fin-Nota tar-Rinviju għall-Ġudizzju tal-Avukat Ġenerali u lliberatu minnhom.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fl-24 ta' Marzu 2018 fejn talab lil din l-Qorti sabiex: "*1. Tiddikjara s-sentenza nulla peress li hija mankanti minn rekwiżit essenzjali meta naqset milli tisma' lill-parti leża viva voce qabel ma waslet għall-ġudizzju tagħha dana meta l-istess ġudizzju kien jinpinġi fuq il-konsistenza u kredibilita' tal-istess xhud u tiddisponi mis-sentenza skont il-liġi. 2. Illi in linea strettament sussidjarja għall-ewwel talba u kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti hija tal-fehma li l-ewwel sentenza m'għandhiex tiġi annullata, din l-Onorabbli Qorti għandha tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok issib lill-appellat ħati skont l-akkużi kif miġjuba u tipproċedi sabiex tinfliġġi piena skont il-liġi.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti</u>.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-27 ta' Frar 2023, lill-konsulenti legali jiddikjaraw li ma kellhom xejn aktar xi jżidu mas-sottomissjonijiet li kienu diġa' saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi qabel din il-Qorti tgħaddi sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu, hija tal-fehma li l-ewwel tagħmel riferenza għal dak li jirriżulta mill-atti proċesswali.

Illi mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Fil-25 ta' Marzu 2006 fil-limiti tan-Naxxar b'mod partikolari fit-telgħa magħrufa bħala ta' Alla u Ommu allegatament seħħet kolliżjoni bejn l-appellat Debono u l-parte *civile* Mark Galea.

- Mill-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet jidher li l-*parte civile* kien qed isuq il-vettura tal-għamla Toyota Corolla bin-numru ta' reġistrazzjoni EAB 439 waqt li l-appellat kien qed isuq il-vettura tal-għamla Alfa Romeo bin-numru ta' reġistrazzjoni ALN 111.

- Waqt li kien qed isuq il-*parte civile* huwa skiddja xi ftit u fi kliemu l-appellat daħal ġo fih. Wara l-inċident għal xi raġuni jew oħra, minflok stennew li jmorru l-Pulizija fuq il-post, il-partijiet marru l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar fejn sar rapport.

- Il-*parte civile* qal li ħass xi uġigħ u għalhekk mar l-isptar fejn ġie *discharged* bil-premessa li kellu jara t-tabib tiegħu (Dok. "LJ" – *a fol.* 143 *et seq*.).

- L-appellat flimkien ma' missieru marru għand l-*insurance* fejn talab lil *claims handler* sabiex joħroġ jara l-vettura li kien qed isuq u jara xi ħsarat. Dan seħħ u Glenn Mercieca mar jara l-vettura u fi kliemu ma ra l-ebda ħsara.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz ta' l-ewwel aggravju l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li minħabba li waqt il-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti nbidel il-Maġistrat sedenti u minħabba li l-aħħar Maġistrat ma reġgħetx semgħet ix-xhieda prinċipali hija marret kontra Artikolu 646 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tinnota li fis-seduta miżmuma fl-1 ta' Diċembru 2010 quddiem l-Ewwel Qorti ġie verbalizzat is-segwenti: *"Il-partijiet jiddikjaraw li qed jeżentaw lill-Maġistrat li qed tippresjedi din il-Qorti milli terġa' tisma lix-xhieda kollha li ngabru f'din il-kawża sa llum"* (*a fol.* 201). Minbarra dan din il-Qorti tinnota li l-Prosekuzzjoni mkien waqt il-proċess quddiem l-Ewwel Qorti ma ressqet l-ilment li jissemma fl-ewwel aggravju tal-appellant.

Illi l-Qorti tagħmel riferenza għar-raġunament magħmul fis-sentenza mogħtija fl-24 ta' Frar 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Yarik Farrugia** (Numru 452/2021) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Fl-ebda ħin ma l-avukat difensur tul dan iż-żmien kollu ma talab li x-xhieda li nstemgħu quddiem l-ewwel Qorti presjeduta mill-allura Maġistrat Dr. Aaron Bugeja jerġgħu jixhdu. Minn eżami tal-verbali jidher illi verament l-appellant ma ġiex mitlub sabiex jissana l-Atti tal-kawża wara l-bidla tal-Maġistrat, pero' lanqas ma oġġezzjona li l-kawża titkompla quddiem il-Maġistrat il-ġdid u ħallew kollox għaddej biex imbagħad għamlu l-aggravju bħal

> dan fl-appell. Il-Qorti ma jidhriliex illi dana għandha tippermettih.
>
> Din il-Qorti għalhekk tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta nhar it-3 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spt. Keith Arnaud) vs. *Omissis* Naeim Shady Mohamed Abd-El-Hady** fejn kien hemm sitwazzjoni simili għal din preżenti fejn dik il-Qorti kienet ċaħdet l-aggravju tan-nullita' u stqarret li minkejja li l-imputat ma ġiex mitlub jissana l-Atti, huwa xorta waħda ssottometta ruħu għall-ġudizzju tal-Maġistrat il-ġdid mingħajr reklam u dan għalhekk fisser li kien qed jagħti l-fiduċja tiegħu f'dan il-Maġistrat ġdid li kien qiegħed impliċitament jagħti l-kunsens tiegħu sabiex il-proċeduri jibqgħu għaddejjin, f'dak il-każ hekk sar."

Illi għal dawn ir-raġunijiet din il-Qorti qed tiċħad l-ewwel (1) aggravju tal-appellant.

**Ikkunsidrat**

Illi fit-tieni aggravju tiegħu l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti ma ħaditx kont tal-kwalita' tax-xiehda li ngħatat quddiem l-Ewwel Qorti meta wieħed iqabbel il-fatt li l-*parte civile* żamm mar-*Road Accident Report* (liema rapport sar *a tempo vergine*) waqt li l-appellat biddel il-verżjoni tiegħu numru ta' drabi.

Illi f'dan ir-rigward din il-Qorti tagħmel riferenza għar-rwol li għandha f'dawn il-proċeduri b'dan illi l-Qorti tirreferi għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Vincent Farrugia et** (Numru 17/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "28. In definittiva, kif intqal minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Vincent Calleja** deċiża nhar is-7 ta' Marzu 2002 din il-Qorti, bħala Qorti ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-

Maġistrati ma terġax tagħmel ġudizzju ġdid fuq il-każ f'dak li għandu x'jaqsam mal-valutazzjoni u evalwazzjoni tal-fatti tal-każ, iżda tillimita biss ruħha biex tara jekk id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati kienetx *"unsafe and unsatisfactory"* fuq il-bażi tar-riżultanzi li jkollha quddiemha dik il-Qorti. B'hekk din il-Qorti ma tistax tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati sakemm id-deċiżjoni ta' dik il-Qorti ma tkunx *"unsafe and unsatisfactory"*. Jiġifieri jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet leġittimament u raġonevolment tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom fuq il-bażi tal-provi u tal-argumenti legali li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdel il-konklużjonijiet ta' dik il-Qorti – anke jekk il-Qorti tal-Appell Kriminali setgħet kienet tasal għal konklużjoni differenti minn dik milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati."

Illi l-Qorti tinnota li fl-atti proċesswali hemm żewġ verżjonijiet li t-tnejn li huma huma msejsa fuq ammont ta' provi. Huwa minnu dak li jgħid l-appellant Avukat Ġenerali meta jsemmi li l-*parte civile* kien kostanti fil-verżjoni tiegħu u li din taqbel ma' dak li hemm imniżżel fir-*Road Accident Report* pero' dan ma jfissirx li neċessarjament wieħed qed jgħid il-verita'. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-15 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Zammit** (Numru 374/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

"F'dan il-kuntest, allura, l-akbar sfida li jkollhom il-Qrati fil-każijiet li jisimgħu hija li jiskopru l-**<u>verita' storika</u>**; u dan peress li l-evidenza li tinġieb mhux dejjem tkun veritiera. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet, kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur. Il-Qrati ma għandhomx is-setgħa li jaqraw l-imħuħ tan-nies. Il-Qrati jippruvaw jifhmu xi jkollhom f'moħħhom, f'qalbhom u fil-kuxjenza tagħhom in-nies li jidhru quddiemhom biss mill-kliem li jgħidu u mill-egħmil tagħhom. Il-Qrati jridu

> jistrieħu biss fuq il-provi li jkunu nġiebu quddiemhom – ċioè l-evidenza diretta jew l-evidenza indiretta."

Illi l-appellant Avukat Ġenerali għandu raġun ukoll li jsemmi li r-*Road Accident Report* sar *a tempo vergine* minħabba li ġeneralment jingħata iktar piż. Iżda minn analiżi tal-provi, din il-Qorti taqbel mar-raġunament li għamlet l-Ewwel Qorti. Huwa minnu li fir-*Road Accident Report* jissemma li l-Alfa Romeo kellha xi ħsara iżda huwa daqs tant ieħor li din il-ħsara ma tirriżultax mir-ritratti li hemm in atti (Dok. "MMS 3" u Dok. "MMS 4" – *a fol.* 50 *et seq.*). Minbarra hekk, għalkemm is-*surveyor* isemmi li l-*bumper* ma kienx preċiż f'postu jgħid ukoll li dan seta' ġara minħabba kondizzjonijiet ta' parkeġġ. Din il-Qorti taqbel ma' tali raġunament għax kieku din il-ħsara kienet riżultat ta' inċident tal-inqas kien ikun hemm xi grif jew ħsarat oħra fiż-żona fejn saret il-ħabta. Minbarra dan fix-xiehda tas-*surveyor* Natalino Agius mogħtija fit-12 ta' Mejju 2008 (*a fol.* 85 *et seq.*) huwa jsemmi li ma kienx hemm ħsarat jew tant kienu żgħar li ma kienux riparabbli waqt li fix-xiehda tiegħu mogħtija fil-11 ta' April 2011 (*a fol.* 204 *et seq.*) jgħid li ma kienx hemm ħsara fl-Alfa Romeo.

Illi mill-evidenza prodotta dak li huwa żgur huwa l-fatt li, kienu x'kienu ċ-ċirkostanzi, ma jistax ikun li l-appellat ikkawża l-ħsarat li hemm fil-vettura tal-*parte civile* mingħajr ma huwa sofra ebda dannu. Dan biex wieħed ma jsemmix dak li qal Glenn Mercieca fix-xiehda tiegħu (*a fol.* 254 *et seq.*) fejn meta ra l-vettura tal-appellat huwa ma ra l-ebda ħsara. Ta' min jinnota li mix-xiehda mogħtija minn missier l-appellat jirriżulta li huma marru l-*insurance* dak inhar stess u kien dakinhar li Glenn Mercieca ra l-vettura.

Illi minbarra dak li ngħad hawn fuq din il-Qorti tikkunsidra wkoll ix-xiehda mogħtija minn Dr. Zammit Maempel (*a fol.* 187 *et seq.*) fejn jikkonferma li ma sab xejn f'għonq il-*parte civile* waqt li fuq dahar il-*parte civile* jgħid li ma huwiex konvinċenti li jbati mill-kondizzjonijiet li qed jilmenta minnhom.

Illi tenut kont ta' l-evidenza li hemm fl-atti proċesswali, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Konsegwentement it-tieni aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud ukoll.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tat-tielet aggravju l-appellant Avukat Ġenerali jilmenta dwar il-konflitt manifest li hemm fil-verżjonijiet rigwardanti l-allegat inċident b'dana illi lanqas huwa ċert jekk seħħx dan l-inċident. L-Avukat Ġenerali jilmenta li minkejja li l-appellat ma qabilx ma' dak li kien hemm miktub fir-*Road Accident Report*, huwa xorta ma talabx li jiġu kkoreġuti d-diskrepanzi.

Illi fix-xiehda tiegħu l-appellat Alan Debono (*a fol.* 210 *et seq.*) jgħid li dak li hemm fir-rapport mhux dak li qal huwa u li jista' jkun ġie misinterpretat. Anke jekk din il-Qorti seta' kellha xi forma ta' dubbju dwar dan il-punt, għajr għar-*Road Accident Report,* u relattivament ix-xiehda ta' WPS 61 Maria Cuschieri, il-provi l-oħra kollha mressqa jneħħulha tali dubju. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-aktar prova b'saħħitha tinsab fid-differenza fil-kondizzjoni bejn il-vettura tal-*parte civile* u dik tal-appellat. Din il-Qorti hija konvinta li tali differenza tista' tfisser biss li l-appellat lanqas biss laqat il-vettura tal-*parte civile*. Dan id-dubju huwa korroborat bix-xiehda mogħtija mis-*surveyor* Natalino Agius kif ukoll mill-messaġġ (*a fol.* 40) li fih jindika li l-vettura tal-*parte civile* setgħet kienet involuta f'inċident preċedenti. Minbarra dan fl-istess messaġġ is-*surveyor* jindika li għandu d-dubji tiegħu kemm il-ħsara fit-*tailgate* ġejja mill-istess inċident.

Illi, a skans ta' ripetizzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza wkoll għal dak li qalet fl-aggravju preċedenti dwar il-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti u tapplikah għal dan l-aggravju. L-istess bħal ma ngħad fir-rigward tat-tieni aggravju, din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha u konsegwentement il-Qorti qed tiċħad it-tielet aggravju wkoll.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha. Bħall-Ewwel Qorti, peress li fl-opinjoni ta' din il-Qorti jidhrilha li meta Mark Galea xehed quddiem l-Ewwel Qorti huwa ma qalx il-verita', din il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti (*a fol.* 285 *et seq.*) u tad-digriet tagħha (*a fol.* 290) u kopja tas-sentenza tallum mogħtija minn din il-Qorti jinġiebu a konjizzjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija biex wara d-debita investigazzjoni, jekk ikun il-każ, jibda proċeduri kontra Mark Galea talli ddepona l-falz quddiem l-Ewwel Qorti u talli kkommetta kull reat ieħor li jista' jirriżulta lill-istess Kummissarju mill-investigazzjoni tiegħu.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**